KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Boys' Secondary, Kirkop

Mark

HALF-YEARLY EXAMINATION – 2011/12

Track 2 (AS)

FORM 4	**STUDJI SOĊJALI**	**TIME: 1h 30min**

Taqsima	A	B	C	D	E	F	**Marka Globali**
Marka Massima	10	15	10	25	20	20	100
Marka							

DO NOT WRITE ABOVE THIS LINE

Isem: ________________________________ **Klassi:** ___________

A. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba u agħti r-raġuni għat-tweġiba tiegħek:

1. F'soċjeta' il-bniedem jista' jgħix waħdu u m'għandux bżonn lill-oħrajn. Veru/Falz
Raġuni: ____

2. Il-proċess tas-soċjalizzazzjoni jagħmel id-differenza bejn soċjeta' u ġungla. Veru/Falz
Raġuni: ____

3. Bil-messaġġi li jwassal, grupp ta' pressjoni jista' jkun effettiv għal bidla soċjali. Veru/Falz
Raġuni: ____

4. Fis-soċjetajiet tal-lum, kulħadd huwa indaqs u ħadd ma jgawdi minn xi privileġġi. Veru/Falz
Raġuni: ____

5. Matul iż-żminijiet, is-soċjeta' tinbidel u għalhekk tinbidel ukoll il-familja. Veru/Falz
Raġuni: ____

(5 x 2 = **10 marki**)

B. **Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba:**

drawwiet	lingwa	grupp soċjali	dmir
dritt	soċjeta' interdipendenti	konflitti	gruppi ta' interess
familja patrijarkali	privileġġ	emozzjonali	poplu malti
aġenti tas-soċjalizzazzjoni	kultura	irwol	relazzjonijiet soċjali

1. F'soċjeta' kulħadd għandu bżonn lil xulxin. Din ngħidulha ______________________________.

2. Il-bniedem ma jistax jgħix waħdu imma jrid jibni _____________________________ mal-oħrajn.

3. ______________ huwa x-xogħol li kull persuna hija mistennija li tagħmel f'ħinijiet partikolari f'ħajjitha.

4. Filwaqt li ____________ huwa dak li inti għandek tagħti, ______________ huwa dak li inti għandek tieħu fis-soċjeta'.

5. L-_________________________________ huma dawk in-nies li jgħallmuna matul il-ħajja.

6. _____________________ huwa meta tnejn min-nies jew aktar ikollhom relazzjonijiet soċjali bejniethom.

7. ________________________ huma gruppi li qed jippruvaw imexxu 'l quddiem l-interess partikolari tagħhom.

8. Jista' jkun li meta nkunu fi grupp, jinqalgħu xi _______________ għax ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-membri.

9. Il-__________________ hija ġabra ta' drawwiet u tradizzjonijiet li jkunu ġejjin mill-antik.

10. Il-valuri u t-teknoloġija huma żewġ fatturi importanti biex ngħarfu kultura minn oħra. Iż-żewġ fatturi 'l oħra huma:

a) __________________
b) __________________

11. Il-membri tal-klassi 'l għolja fis-soċjeta għandhom _______________ għax ikollhom aktar poter.

10. Familja fejn ir-raġel kien meqjus bħala l-kap hija ________________________________.

11. Relazzjonijiet ibbażati fuq ir-rispett u l-imħabba ngħidu li huma relazzjonijiet ________________________.

(15 x 1 = **15-il marka**)

C. Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba:

1. Il-*peer group* huwa
a. grupp reliġjuż
b. nies li jaħdmu flimkien
c. grupp ta' ħbieb tal-istess eta'

2. Familja patrijarkali hi waħda
a. li nsibu llum il-ġurnata
b. li kienet komuni fiż-żminijiet ta' qabel
c. li ma tispiċċa qatt

3. Ċittadin huwa
a. immigrant illegali
b. xi ħadd li twieled fil-pajjiż
c. xi ħadd li jiġi għal btala

4. Valuri huma
a. prinċipji tajbin li s-soċjeta' timxi fuqhom
b. kastigi li naqilgħu meta nagħmlu xi ħaġa ħażina
c. lezzjonijiet tal-iskola

5. Identita' personali hija
a. in-normi tas-soċjeta'
b. dik li turi jien min jien
c. regola fis-soċjeta'

6. Grupp primarju huwa
a. grupp żgħir fejn il-membri jkunu jafu sew lil xulxin
b. ħafna nies li ma tkunx tafhom
c. grupp kbir tal-iskola

7. Il-klassi soċjali 'l għolja fiha
a. ftit nies li għandhom ħafna poter fil-pajjiż
b. ħafna ħaddiema komuni
c. dawk in-nies li jkollhom xi problema

8. L-inugwaljanza soċjali sseħħ meta
a. in-nies ikunu kuntenti
b. mhux kulħadd jiġi stmat indaqs
c. kulħadd ikun meqjus l-istess

9. Multi-kulturaliżmu nsibuh
a. f'pajjiż li jkollu ħafna ġenn
b. Malta biss
c. f'pajjiż li jkollu nies ta' kulturi differenti

10. Mobbilita' soċjali sseħħ meta
a. tuża tal-linja biex tmur minn post għall-ieħor
b. meta tibqa' taħdem ix-xogħol li jkollok għal dejjem
c. in-nies ibiddlu xogħolhom u jimxu minn klassi soċjali għall-oħra (10 x 1 = **10 marki**)

D. **Aqra dan il-paragrafu u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-kultura hija importanti ħafna f'soċjeta' għax tagħti l-identita' lill-pajjiż, u turi l-pajjiż minn xhiex għadda fiż-żminijiet ta' qabel. Infatti, hemm relazzjoni bejn kultura, soċjeta' u individwu. Il-kultura tfassal il-personalita' ta' kull individwu fis-soċjeta', u kif ukoll tfassal lis-soċjeta' nnifisha. L-individwu, is-soċjeta' u l-kultura ma jistgħux jgħaddu mingħajr xulxin.

1. Xi tfisser il-kelma **Kultura**? (3)

____

____

____

2. Għalfejn il-kultura hija importanti għal pajjiż? (3)

____

____

____

3. Semmi 5 affarijiet li jagħmlu l-identita' nazzjonali Maltija. (5)

____

____

____

4. Hemm erba' fatturi li bihom ngħarfu kultura minn oħra. X'inhuma? (4)

____

____

5. Il-Bidla Kulturali nsibu li sseħħ f'kull pajjiż. X'inhi **bidla kulturali** u agħti ŻEWĠ eżempji. (2,2)

____

____

____

____

6. X'nifhmu bil-kelma **multi-kulturaliżmu**? (3)

____

____

____

7. Għalfejn għandek tirrispetta kulturi differenti? (3)

____

____

____

25 marka

E. ***Fuq karta separata*, Wieġeb il-mistoqsijiet <u>KOLLHA</u> li ġejjin:**

1. Il-familja għandha funzjonijiet x'taqdi. Liema huma dawn il-funzjonijiet? (5 marki)

2. Xi rwol għandhom l-anzjani fil-familja llum? (5 marki)

3. Illum il-ġurnata, il-familja ħadet forom differenti. Iddiskuti. (5 marki)

4. Spjega d-differenza bejn soċjalizzazzjoni primarja u soċjalizzazzjoni sekondarja. (5 marki)

(4 x 5 = **20 marka**)

F. *Fuq karta separata*, Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar <u>WIEĦED</u> minn dawn:

1. Il-kultura Maltija hija l-aqwa teżor li jista' jkollna bħala Maltin.
   a. Spjega x'inhi l-kultura. (5 marki)
   b. Fisser u agħti eżempji dwar is-sbuħija tal-kultura Maltija. (10 marki)
   c. Għid kif tista' tinbidel il-kultura tagħna fis-snin li ġejjin. (5 marki)

2. F'kull perjodu ta' ħajjitna jkun hemm aġenti li jinfluwenzawna aktar minn oħrajn.
   a. Semmi ŻEWĠ fażijiet differenti f'ħajjitna. (4 marki)
   b. Semmi aġent tas-soċjalizzazzjoni li jinfluwenzana l-aktar f'kull perjodu. (4 marki)
   c. Is-soċjalizzazzjoni hija proċess tul il-ħajja. Iddiskuti. (12-il marka)

3. L-ebda bniedem mhu gżira.
   a. Spjega din il-frażi. (5 marki)
   b. Xi tfisser soċjeta' interdipendenti. (5 marki)
   c. Għalfejn f'soċjeta', il-bniedem ma jistax jgħix waħdu. (10 marki)

4. Il-klassijiet soċjali jeżistu f'kull soċjeta'.
   a. Agħti TLIET eżempji ta' klassijiet soċjali li nsibu f'Malta. (6 marki)
   b. Iddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin ta' dawn il-klassijiet soċjali. (6 marki)
   c. X'tifhem b'mobbilita' soċjali? Semmi erba' fatturi li jwasslu għall-mobbilita' soċjali. (8 marki)

20 marka